MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 23/2003

**Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Limited**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ghall-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Peter Plant Limited a fol. 1 tal-process ipprezentat fl-1 t'Ottubru 2003 fejn gie premess:-

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, hawn "Il-Bord", moqrija fl-24 ta' Settembru 2003 fejn il-Bord ikkonferma r-rifjut tal-permess ghal zvilupp sabiex tintuza bicca art ghall-hazna tad-dghajjes; Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni tieghu wara li ezamina l-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk u rrikonoxxa illi tezisti domanda ghal zoni addattati ghat-tqeghid ta' l-opri tal-bahar u ghall-manutenzjoni zghira fuq l-istess opri. Fl-

opinjoni tal-Bord, din il-*policy* fil-*local plan* li identifikat parti mill-kosta gewwa "Il-Kavallerizza" bhala sit addattat, ma teskludix *a priori* sit iehor illi jista' jigi propost; il-Bord pero' deherlu illi ghalkemm hemm bzonn genwin ghal din l-attivita' s-sit propost li jinsab 'il barra miz-zona ghall-izvilupp mhux idoneu ghall-izvilupp li qieghed jipproponi l-appellant. Il-Bord ghamel riferenza ghal ritratti esebiti ma' l-applikazzjoni li ndikaw illi sew l-ghalqa nnifisha kif ukoll l-ghelieqi madwar is-sit kienu kkultivati, almenu f'xi zmien qabel ma giet intavolata l-applikazzjoni – dan jikkontrasta (rritjena l-Bord) ma' dak li ra l-Bord waqt l-access peress illi s-sit gie disturbat fil-mori ta' l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni. Il-Bord deherlu illi z-zona hija wahda ta' natura rurali u agrikola u ma jaqbilx ma' l-appellati fejn qal illi l-attivita' ma hijiex sejra jkollha mpatt fuq il-vicinanzi tas-sit, ghaliex it-tqeghid ta' l-opri tal-bahar u l-fatt illi l-ghalqa sejra tigi cirkondata b'*fencing* certament ikollu mpatt negattiv fuq l-ambjent agrikolu. Il-Bord lanqas ma qabel illi s-sit jinsab vicin il-bahar: attivita' bhal dik proposta hija post vicin kemm jista' jkun ta' xatt il-bahar u l-ghalqa in kwistjoni hija relattivament 'il boghod. *Oltre* dan l-access ghal din l-ghalqa lanqas ma tiffacilita din l-attivita' peress illi t-trejqa hija dejqa hafna u ghalhekk ser ikun hemm problema ta' access tad-dhul u hrug tad-dghajjes lejn u mis-sit. Ghaldaqstant il-Bord ikkonkluda li ma sab ebda gustifikazzjoni sabiex l-izvilupp propost jigi permess f'zona klassifikata skond il-*policies* ta' l-Awtorita' bhala ODZ;

2. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u xtaq jinterponi umli Appell quddiem din il-Qorti. L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi jemergu mis-sentenza appellata Punti ta' Dritt decizi mill-Bord li applika u nterpreta malament il-*policy* rilevanti u li eskludiet l-applikazzjoni ta' *policy* MMO7 tal-Pjani Lokali ta' Marsaxlokk u ma tezistix gustifikazzjoni biex l-izvilupp jigi permess f'zona klassifikata bhala ODZ;

3. Illi l-esponenti jidhirlu illi l-ewwel zball oggettiv illi ghamel il-Bord huwa fuq illi rritjena illi din hija zona agrikola. Ghalkemm dan jista' jidher illi huwa punt prettament ta' fatt ghaliex tinvolvi apprezzament tac-

cirkostanzi u tas-sit. L-esponent jikkritika l-interpretazzjoni li ta l-Bord ghal dak li huwa l-*policy* li tiggustifika illi jinghata l-permess ta' zvilupp ODZ. L-istess l-esponent ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-Bord tal-Pjan ta' Struttura u tal-Pjan Lokali taz-zona illi ser ikun hemm impatt negattiv fuq l-ambjent agrikolu;

4. Illi certament il-Bord jidher illi ghamel konkluzjoni manifestament erroneja meta kkonkluda illi l-art hija relattivament 'il boghod mill-bahar. Ghalkemm din hija konsiderazzjoni fattwali u mhux specifikament legali, l-esponenti thoss illi ghandha tissenjala ghall-attenzjoni tal-Qorti konkluzjoni b'konsegwenzi legali manifestament infondata.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tirriserva li ggib il-provi kollha ammissibbli f'dan l-istadju u li taghmel dawk l-osservazzjonijiet kollha li jidhrulha xierqa u opportuni, titlob bil-qima lil din il-Qorti li joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar moghtija fl-24 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **"Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Limited vs Kummissjoni ghall-Kontroll ghall-Izvilupp PAB 429/00 TSC PA 3180/00"** u tidderiegi lill-Awtoritajiet kompetenti illi johorgu l-permess ta' zvilupp fit-termini ta' l-applikazzjoni.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 17 ta' Novembru 2003 a fol. 5, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Ltd. vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata 15 ta' Jannar 2004 a fol. 9 sa 11 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2) ta' l-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenzi **"Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996, **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 t'April 1996), **"Francis Mugliett vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, u fis-sentenza **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997, fejn intqal illi:-

*"Irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna. Dana billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni … Illi dana billi l-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti, m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni."*

Illi dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-sentenzi bl-ismijiet **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997, u **"Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 (App. Nru. 165/97).

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa illi l-Bord ta' l-Appell applika hazin il-*policies* rilevanti ghall-kaz, u ma applikax il-*policy* MMO7 tal-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk.

Illi fl-ewwel lok wiehed irid jghid illi dan l-aggravju ma huwiex ibbazat fuq punt ta' dritt kif intqal hawn fuq u dan ghaliex interpretazzjoni ta' *policies* ma tidholx taht il-gurisidizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. *Inoltre* mhux veru illi l-Bord ta' l-Appelli ma applikax il-*policy* MMO7 u dan kif ser jinghad hawn taht.

Illi r-raguni ghar-rifjut ta' l-applikazzjoni ta' l-appellant kienet ghal ragunijiet diversi fosthom illi s-sit jinsab f'zona li hija predominantement zona agrikola u ghalhekk il-proposta ghall-izvilupp, u cjoe' dik ghall-immagazzinar ta' dghajjes, ma hux konformi maz-zona kif kienet destinata. Barra minn hekk iz-zona tinsab bara miz-zona ta' l-izvilupp u hija *'Rural Conservation Area',* li tfisser li proposta bhal dik fl-applikazzjoni ma tistax tintlaqa'.

Illi l-Bord ta' l-Appelli applika gustament dawn il-*policies* ghall-kaz in ezami u ma jistax jigi l-appellant u jghid illi applikahom hazin.

Illi in kwantu ghall-*policy* MMO7, qed issir referenza ghal pagna 8 tad-decizjoni fejn inghad illi:-

*"In his argument for appeal, the appellant stated that the only option to store the boats is to make use of nearby land to accommodate this activity …*

*Furthermore, the Marsaxlokk Bay Local Plan Policy MMO7 identifies the site of the Malta Hydrofoil factory, within an opportunity area that can be used to support maritime-based activities. In the light of this opportunity, the proposal fails to present valid reasons to support the proposed development, as outlined in Structure Plan Policy SET 12."*

Illi l-Bord innota illi l-appellant ammetta illi huwa xtaq li jahzen id-dghajjes tieghu fis-sit mertu tal-vertenza odjerna ghaliex huwa sostna li l-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk ma eskludiex siti ohra ghal dan it-tip ta' attivita'. Pero' l-appellant ma weriex a sodisfazzjon tal-Bord illi huwa pprova sabiex jaghmel applikazzjoni fil-Malta Hydrofoil *factory*.

*Inoltre* l-Bord ikkonkluda illi:-

*"Dan il-Bord ezamina l-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk minn fejn jirrizulta illi policy MMO7 jirrikonoxxi illi tezisti domanda ghal zoni addattati ghat-tqeghid ta' opri tal-bahar u ghall-manutenzjoni zghira fuq l-istess opri. Il-Pjan Lokali jidentifika parti mill-kosta gewwa "Il-Kavallerizza" bhala sit addattat ghal din l-attivita' u jissuggerixxi wkoll illi ssir riklamazzjoni tal-bahar f'din iz-zona ghal dan l-iskop.*

*Dan il-Bord jidhirlu illi ghalkemm jidher illi hemm bzonn genwin ghal din l-attivita', is-sit propost li jinsab 'il barra miz-zona ghall-izvilupp m'huwiex idoneu ghall-izvilupp illi qieghed jipproponi l-appellant."*

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti u tirriserva li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellant Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Limited u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tal-24 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **"Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Limited vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**.

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Marzu 2004 u tat-22 ta' Gunju 2004 fejn Dr. Patrick Galea ghall-appellant msejjah diversi drabi baqa' ma deherx, u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat ir-rikors ta' Peter Plant Limited datat 28 ta' Gunju 2004 fejn talab li jinghata l-fakolta' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet taht dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-28 ta' Gunju 2004 fejn prefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lis-socjeta appellanti ghall-prezentata ta' nota t'osservazzjonijiet bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollhom l-istess terminu ghal nota responsiva.

Rat li ma gew ipprezentati l-ebda noti ta' osservzzjonijiet fit-termini moghtija lill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II.    KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-kaz odjern jittratta appell wara rifjut ta' hrug ghall-permess ta' zvilupp sabiex tintuza bicca art ghall-hazna tad-dghajjes.

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa bbazat ghaliex skond huwa l-Bord ghamel zball oggettiv meta rritjena li l-art in ezami hija zona agrikola.  B'hekk huwa applika malament il-policy relevanti u eskluda l-applikazzjoni tal-*policy* MMO7 tal-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk.

Illi fl-ewwel speci ta' eccezzjoni taghha l-Awtorita' ssottomettiet li dan ma' huwiex appell permessibbli taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356**.

Illi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6)*** *tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Vella vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fis-17 ta' Frar 2003 (A.I.C. (RCP) Appell Numru 2/2002) inghad illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord.  Dana jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta'*

*apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-fatt fis-sentenza ta' **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-**artikolu 15 (2)** li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu)."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju 1996 inghad illi:-

*"din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu.*

Illi din l-interpretazzjoni ristrettiva hadet xejra ohra, meta fis-sentenza ricensjuri moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cassar vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 illi:-

*"Huwa veru li nterpretazzjoni esklussivament litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni li s-sottomissjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar hija wahda legalment korretta. Pero', l-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni, cjoe' l-artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992. Jekk punt tad-dritt ikun necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord, allura appell fuq l-istess punt ta' dritt ikun ammissibbli lil din il-Qorti ta' revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta' dritt, sia' pure tacitament. Hekk per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa ultra vires. Dana sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu."*

Illi pero' kif inghad f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, inkluzi dawk indikati mill-appellata fir-risposta taghha, u kif anke gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta, inkluz fil-kawza fl-ismijet **"Carmel Camilleri vs L-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar gja' Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 12 ta' Jannar 2004 – Appell Numru 27/2002) hemm hafna x'wiehed jghid fuq l-istess decizjonijiet, pero' in verita' dawn kollha jsostnu u jmantnu l-principju bazilari li appell quddiem din il-Qorti kif kostwita jista' jsir biss fuq punt ta' dritt deciz mill-istess Bord, u fil-kaz ta' *ultra vires* u limitatament fejn wiehed qed jidhol fuq il-kompetenza ta' din il-Qorti *ut sic* huwa kwazi naturali li dan jigi kkunsidrat bhala punt ta' dritt, ghar-raguni semplici li hija biss fil-limiti tal-komptenza taghha li din il-Qorti tezercita l-funzjoni taghha, b'dispozizzjoni tal-ligi *ad hoc.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tikkonsisti f'diversi paragrafi u taghmel riferenza partikolari ghal dak li nghad fl-istess sentenza f'pagna 9, 10 u 11 ta' l-istess fejn jirrizulta li l-applikazzjoni ta' l-appellant giet biss ikkunsidrata fuq konsiderazzjonijiet ta' fatt, inkluz l-*area* fejn gie propost l-izvilupp, li tari sit huwa fil-fatt barra miz-zona ta' zvilupp, u dan b'applikazzjoni tal-*policies* vigenti.

L-istess Bord ta' l-Appell ikkonsidra wkoll l-istess *policy* imsemmija MM07, u l-istess Bord ddikjara wkoll li ma jaqbilx li l-post propost seta' jintuza ghall-iskopijet indikati mill-applikant. Dan minhabba diversi ragunijiet ta' ppjanar, teknici, ambjent u *policies* indikati mill-istess Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu, ragunijiet li bl-ebda mod ma jistghu jissejhu jew jigu kkonsidrati bhala punt ta' dritt decizi mill-Bord a bazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356**. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-istess punti ta' fatt trattati u l-applikazzjoni ta' *policies* ghall-istess huma biss fil-kompetenza eskussiva ta' l-istess Awtorita' u din il-Qorti, hija permezz ta' l-istess **artikolu 15 (2) tal-Kap 356** prekluza milli taghmel ezami ta' l-istess, *stante* li l-appell lejn l-istess Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni huma limitati ghall-punti ta' dritt decizi mill-Bord, li certament u manifestament mhux il-kaz odjern.

Illi anzi jidher car li f'dak kollu li ghamel l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mexa fuq dak li jipprovi l-**artikolu 33 (1) u (2) tal-Kap 356** u ghalhekk mexa konformament mal-ligi u din il-Qorti thoss li l-appellant stess jafu, anke jekk wiehed jezamina sew ir-rikors ta' l-appell innifsu pprezentat. Di piu' u bla pregudizzju ghall-premess din il-Qorti tirreferi ghas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita' appellata li jaghtu spjegazzjoni fattwali u korretta ta' dak li effettivament gie trattat quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li m'ghandu xejn x'jaqsam ma' dak li l-ligi tipprovdi taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2)** in dizamina.

Illi ghalhekk l-appell interpost mis-socjeta' appellanti ghandu jigi michud *stante* li dan ma sarx a bazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356**.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fir-risposta taghha datata 15 ta' Jannar 2004, **tichad l-appell tas-socjeta' appellanti Peter Plant Limited fir-rikors ta' l-appell taghha tal-1 ta' Ottubru 2003**, *stante* li l-istess

appell huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan *stante* li mhux permessibbli taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356**. Ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar tal-24 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **"Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Limited kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**.

Bl-ispejjez kollha a karigu tas-socjeta' appellanti Peter Plant Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------